**GHAWDEX**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. JAMES HENRY PEARSALL**

**Illum 18 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru 2/2017**

**Susan Hibbert**
**Vs**
**Ministeru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Susan Hibbert** ipprezentat fl-4 ta' Settembru 2017 li permezz tieghu ippremettiet is-segwenti:-

*"Preliminari*

*Illi l-esponent nomine applikat taht l-artikolu 19(3)(i) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tinghata mill-Ministeru tal-Finanzi ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura Mini bin-numru tar-registrazzjoni T7 S00 ;*

*Illi b' decizjoni moghtija fit-31 ta' Awwissu 2017 din l-applikazzjoni giet michuda mill-Ministeru tal-Finanzi (kopja tad-decizjoni annessa bhala* ***Dokument A****) ghar-raguni li fi kliem il-Ministeru tal-Finanzi l-appellanta ma kellhiex il-vettura registrata fuq isimha ghall-perijodu mill-anqas ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar qabel ittrasferiet ir-residenza taghha f' Malta u li l-vettura kienet ghadha registrata fuq isimha fil-mument li l-vettura giet importata jew dahlet f' Malta ;*

*Illi Susan Hibbert hasset ruhha aggravate b' din id-decizjoni u ghalhekk qeghda tinterponi umli appell minn tali decizjoni quddiem dan it-Tribunal entro t-terminu stabbilit mill-ligi ;*

- ***Esposizzjoni tal-Fatti tal-Kaz***

*Susan Hibbert resqet l-applikazzjoni lill-Ministeru tal-Finanzi sabiex hija tigi ezentata milli thallas it-taxxa tar-registrazzjoni ghall-vettura tal-marka Mini bin-numru tar-registrazzjoni T7 S00. Il-Ministeru cahad din it-talba ghas-semplici raguni li huwa qies li l-appellanta ittrasferiet ir-residenza taghha f' Malta fil-hdax (11) ta' Lulju 2017 u l-vettura kienet ilha biss fuq isimha mill-hmistax (15) ta' Lulju 2015 u cioe tlett (3) ijiem inqas mill-erbgha u ghoxrin (24) xahar stabbiliti mir-regolament 4 (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.*

- ***L-Aggravju***

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ministeru tal-Finanzi ghamel evalwazzjoni hazina tal-fatti ghaliex jidher li qies id-data tal-hdax (11) ta' Lulju 2017 bhala d-data ta' meta l-appellanta ittrasferiet r-residenza taghha f' Malta.* ***Dan assolutament mhux korrett****. Id-data tal-hdax (11) ta' Lulju 2017 mhix id-data li fiha l-esponenti stabbiliet ir-residenza taghha hawn Malta* ***izda hija d-data li fiha hija ghamlet l-applikazzjoni sabiex tistabbilixxi r-residenza taghha hawn Malta****. Id-dokument li nhareg mid-Dipartiment tad-Cittadinanza u tal-Expatriates hija biss ricevuta ghall-applikazzjoni li saret sabiex l-appellanta tiehu r-residenza taghha hawn Malta u mhux permess ta' residenza. Dan allura qatt ma seta jfisser li l-appellanta kienet gia stabbiliet ir-residenza taghha f' Malta. Hija dahlet f' Malta bhala cittadin tal-Unjoni Ewropea u fit-termini tal-Avviz Legali 191 tal-2007 hija setghet tibqa biss f' Malta ghall-perijodu ta' tlett (3) xhur. Fil-fatt r-regolament 3(3) tal-Avviz Legali 191 tal-2007 jaghmilha cara li : "Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) u l-artikolu 4, cittadin ta' l-Unjoni u l-membri tal-familja tieghu li jakkumpanjawh jew li jinghaqdu mieghu jistghu jirrisjedu u jkollhom movement liberu f' Malta bl-istess kundizzjoni bhalma ghandhom cittadini Maltin ghal perjodu tat' tlett xhur minghajr ebda kundizzjoni jew xi formalita, li jibdew ghaddejin mid-data tad-dhul jew minn kull perjodu iehor li jista jigi preskritt bis-subartikolu (4)". L-appellanta ghamlet l-applikazzjoni taghha biex tkun tista tirrisjedi Malta b' mod permanenti. Hija titqies li nghatat id-dritt ta' residenza taghha f' Malta la darba tinghat r-residence card. Tant li mhix meqjusa bhala li stabbiliet r-residenza taghha hawn Malta li sat-Tnejn, tmiejna u ghoxrin (28) ta' Awwissu 2017 hija kienet ghadha qeghda tintalab mid-Dipartment tac-Cittadinanza u tal-Expatriates sabiex tissottometti dokumenti in sostenn tal-applikazzjoni taghha ta' residenza. Altru ghalhekk li kienet ghadha ma stabbilietx ruhha Malta kif sewwasew ikkonkluda l-Ministeru tal-Finanzi.*

*Apparti minn hekk fuq it-tieni rekwizit tar-regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, jirrizulta bic-car mid-dokumenti prezentati li l-vettura Mini kienet ghadha registrata fuq isem l-appellanta fil-mument li l-vettura ingabet hawn Malta. Il-Ministeru ghalhekk ma kellu l-ebda bazi biex jaghti din ir-raguni ta' rifjut meta*

*d-dokumenti prezentati kienu cari u kienu jikkonfermaw li l-vettura ghadha registrata fuq isem l-appellanta.*

- ***Talba***

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti – filwaqt li tirriserva li tipprezenta provi ulterjuri in sostenn tas-suespost – titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jghogbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Ministeru tal-Finanzi fl-ittra datata wiehed u tletin (31) ta' Awwissu 2017 fejn l-istess Ministeru cahad it-talba ghall-ezenzjoni maghmula taht l-artikolu 19 ta' Kap. 368 u minflok jaghti l-ezenzjoni mitluba stant li r-rekwiziti stabbiliti fir-regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 intitolat Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur jinsabu pienament sodisfatti.*

*Bl-ispejjez kontra l-Ministeru tal-Finanzi appellat."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** ipprezentata fl-14 ta' Settembru 2017 fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

1. *Illi fil-mertu l-esponent jecepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri fil-mori ta' dan ir-rikors ;*
2. *Illi t-Transfer of Residence Exemption Board ta d-decizjoni ta' rifjut datata 31 ta' Awwissu 2017 (vide DOK A) fuq dettalji moghtija mill-applikant fl-applikazzjoni datata 30 ta' Lulju 2017 ghall-ezenzjoni mit-taxxa u d-dokumentazzjoni li rcieva hawn annessa u mmarkata bhala Dok. MFN 1 ;*
3. *Illi l-esponent jirrileva illi kien hem ragunijiet validi skont il-ligi li fuqhom giet ibbazata d-decizjoni ta' rifjut ghall-ezenzjoni tat-taxxa ai termini tar-**Regolament 4 (3) (A) tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013**, fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi sabiex vettura tkun tista tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-sub-artikolu 1 " **Biex vettura tkun tista tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) – (a) hija trid tkun ilha registrata f' isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura impurtata jew migjuba f' Malta**" ;*
4. *Illi jirrizulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa fuq ir-registrazzjoni tal-vettura, datata 30 ta' Lulju 2017 u li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok MFN 1, li l-vettura tal-marka BMW Mini One bin-*

*numru tar-registrazzjoni barrani T7 S00 ilha registrata fuq isem ir-rikorrent mill-hmistax (15) ta' Lulju 2015 ;*

5. *Illi jirrizulta mid-dikjarazzjoni tar-rikorrent stess fl-applikazzjoni li d-data tat-trasferiment tar-residenza taghha f' Malta sehhet fil-hdax (11) ta' Lulju 2017 ;*
6. *Illi ghaldaqstant l-esponent jirrileva illi gialadarba fl-applikazzjoni r-rikorrent stess iddikjarat illi l-vettura mertu ta' dan l-appell kienet ilha registrata f' isimha biss fil-hmistax (15) ta' Lulju 2015 u hija ttrasferixiet r-residenza taghha fil-hdax ta' Lulju 2017 certament r-rikorrent ma ssodisfatx il-kriterju rikjest fil-paragrafu A tar-Regolment 4 (3) tal-Avviz Legali 440 tas-sena 2013 stante illi kienu jonqsu erbgha (4) t' ijiem mill-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar envisti fis-sudett regolament sabiex l-ezenzjoni tapplika ;*
7. *Illi ghalkemm l-applikant jallega illi d-data li hija nizlet it-trasferiment ta' residenza taghha m'hijiex ta' meta stabbiliet ir-residenza taghha gewwa Malta, din l-allegazzjoni ma gietx sustanzjata imkien fl-applikazzjoni sottomessa mill-applikant u li fuqha kellu jiehu d-decizjoni t-Transfer of Residence Exemption Board ;*
8. *Illi di piu l-esponenti jirrileva illi r-rikorrent kienet a konnoxxenza tad-data illi hija ttrasferit r-residenza taghha f' Malta stante illi fl-applikazzjoni tat-30 ta' Lulju 2017 hija nizzlet bhala data of arrival in Malta il-5 ta' Gunju 2017 waqt li nizzlet bhala date of taking up residence in Malta il-11 ta' Lulju 2017 u ghaldaqstant hija fehmet id-distinzjoni bejn id-data li hija giet Malta u d-data illi hija ttrasferixxiet ir-residenza taghha f' Malta ;*
9. *Illi ghalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda stante li hija ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament (4) tal-avviz legali 440 tas-sena 2013 ;*
10. *Illi ghaldaqstant id-decizjoni ta' rifjut hekk kif imfissra fl-ittra datata 31 ta' Awwissu 2017 (vide Dok. A) mehuda mill-esponent kienet wahda korretta u ghandha tigi kkonfermata ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu jichad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur, bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Ra l-affidavit tar-rikorrenti;

Sema' lil Francis Attard in rapprezentanza tal-Ministeru intimat u lil Margaret Sciberras in rappresenza ta' Identity Malta;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pprocediet b'dan ir-rikors peress li hassitha aggravata b'decizjoni tal-Ministeru intimat datata 31 ta' Awissu 2017 liema decizjoni giet esebita bhala Dok A a fol. 6 tal-process u li kienet tghid, *inter alia*, is-segwenti:

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still registered when the vehicle is imported or brought into Malta."*

Illi l-aggravju principali tar-rikorrenti hu illi l-Ministeru intimat ghamel applikazzjoni hazina tal-fatti ghaliex qies id-data tal-11 ta' Lulju 2017 bhala d-data meta hija hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Ir-rikorrenti ssostni li din id-data kienet biss id-data ta' meta hija ssottomettiet l-applikazzjoni taghha biex tikseb ufficjalment ir-residenza taghha f'Malta.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija sid il-vettura tal-ghamla Mini bin-numru ta' registrazzjoni T 7 500, liema vettura kienet xtratha fil-15 ta' Lulju 2015. Tispjega illi hija kienet waslet Malta fil-5 ta' Gunju 2017 mentri fil-11 ta' Lulju 2017 hija ssottomettiet applikazzjoni mad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-Espatrijati sabiex jinhargilha l-permess ta' residenza. Tghid li eventwalment gie infurmata, permezz ta' ittra datata 20 ta' Dicembru 2017, illi kien inhareg ic-certifikat tar-registrazzjoni taghha bhala residenta f'Malta.

Illi **Frans Attard**, *Chairman* tat-*Transfer of Residence Exemption Board*, spjega illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti ma kinitx konformi ma' Regolament 4 (3) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ghaliex il-vettura in kwistjoni ma kinitx ilha registrata fuq isem ir-rikorrenti erbgha u ghoxrin xahar minn meta l-istess iddikjarat li ttrasferiet ir-residenza taghha hawn

Malta. Jispjega illi jekk l-informazzjoni mnizzla fl-applikazzjoni tkun cara, l-Bord ma jaghmel l-ebda indagni ulterjuri.

Illi **Margaret Sciberras**, ufficjal tal-Agenzija *Identity Malta* fl-ufficju t'Ghawdex, spjegat li meta persuna tapplika ghall-*EU Residence Permit* l-ufficju taghha johrog *interim receipt* u wara xi zmien tohrog il-*card* proprja. Tispjega li persuna hija prezunta li hija residenti hawn Malta mil-mument li tohrog l-*interim receipt*.

**Ikkunsidra:**

Illi wara li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-provi kollha migjuba quddiemu, se jghaddi biex jinvesti l-mertu tal-appell. Illi fid-decizjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") ibbaza r-rifjut tieghu fuq Regolament 4 (3) (a) li jghid is-segwenti :

*"4(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) –*

*(a)* ***hija trid tkun ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;****"*

Illi ghalhekk dan ir-Regolament fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni u cioe:-

**1. li l-vettura tkun ilha registrata f'isimha ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal Malta, u**

**2. tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta.**

Illi mid-dokumentiipprezentati mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:-

a. Illi hija akkwistat il-vettura in kwistjoni fil-15 ta' Lulju 2015;[1]
b. Illi hija waslet hawn Malta fil-5 ta' Gunju 2017;

[1] Ara Dokument ta' Registrazzjoni Dok. SH1 a fol. 25

c. Hija applikat sabiex tikseb il-permess ta' residenza fil-11 ta' Lulju 2017;[2]
d. L-Agenzija *Identity Malta* harget l-imsemmi permess fl-20 ta' Dicembru 2017;[3]

Il-Ministeru intimat sahaq illi l-ligi titkellem car u tirrikjedi li l-vettura li dwarha tkun qed tintalab l-ezenzjoni trid tkun registrata ghall-perjodu msemmi fil-ligi f'isem il-persuna li tkun qed titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta.

Illi d-disposizzjoni tal-Ligi li tezenta vettura milli tithallas fuqha taxxa ta' registrazzjoni tinsab f'artikolu 19 (3) (f) tal-Kapitlu 368 tal-Ligijet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur) liema artikolu jghid is-segwenti:-

*"19 (3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda -leżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik.* ***L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi****."*

Illi l-Ministru responsabbli ghall-finanzi haseb ghall-imsemmija *"**kudizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet**"* permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) fejn fost numru ta' kundizzjonijiet ohra hemm il-kundizzjoni imsemmija fir-Regolament 4 (3) (a) citat iktar 'il fuq.

Mix-xhieda ta' Francis Attard jirrizulta illi l-Bord jistrieh fuq l-informazzjoni mnizzla fl-applikazzjoni mill-istess applikant. Jirrizulta wkoll illi fl-istess informazzjoni hemm referenza cara ghat-tifsira kemm tat-terminu "*transfer of residence*" u kif ukoll ghall-fatt illi l-vettura trid tkun ilha registrata f'isem l-applikant mill-inqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data tat-trasferiment tal-applikant.

Illi mill-applikazzjoni li ssottomettiet ir-rikorrenti, li kopja taghha tinsab esebita bhala Dokument MFN1 a fol. 12 sa 14 tal-process, jirrizulta illi r-rikorrenti nizzlet illi hija hadet ir-

[2] Ara Dokument SH2 a fol. 27
[3] Ara Dokument SH3 a fol. 28

residenza taghha hawn Malta **fil-11 ta' Lulju 2017**, mentri l-vettura in kwistjoni inxtrat minnha **fil-15 ta' Lulju 2017**. Illi di piu` jirrizulta illi l-applikazzjoni nnfisiha fiha d-definizzjonijiet kollha dwar l-elementi essenzjali biex applikant ikun eligibbli li jitlob ghall-ezenzjoni. Ghalhekk ir-rikorrenti kellha kull opportunita` li tifhem sew l-informazzjoni fuq l-istess applikazzjoni u kif ukoll tnizzel l-informazzjoni rikjesta abbazi tal-istess informazzjoni supplita.

Illi meta l-Bord gie rinfaccjat b'din l-applikazzjoni ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jinterpreta mod iehor l-informazzjoni supplita mill-istess applikant. L-informazzjoni kienet cara u ma kien hemm l-ebda lok li l-Bord jaghmel xi indagni ulterjuri.

Illi it-trasferiment tar-residenza ta' persuna jsir f'dak il-mument li hija tifforma dik l-intenzjoni li l-istess izzomm lil Malta bhala l-post li fih se tistabilixxi r-residenza normali taghha. Il-fatt li hija applikat mad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Espatrijati fil-11 ta' Lulju 2017 juri li hija diga kienet hadet tali decizjoni, u kien fil-fatt ghalhekk li hija nizzlet l-imsemmija data fuq l-applikazzjoni odjerna. Il-fatt li d-dokument ta' residenza hareg xhur wara, u cioe` f'Dicembru 2017, ma jhassarx il-fatt illi d-decizjoni hija kienet haditha xhur qabel.

Illi li kieku, ghall-grazzja tal-argument, dan it-Tribunal jikkoncedi illi d-data tar-residenza taghha hija meta hareg il-permess ta' residenza, u cioe` fl-20 ta' Dicembru 2017, allura l-applikazzjoni *de quo* ukoll tippekka ghax tkun issottomettiet l-istess applikazzjoni meta ma kinitx ghadha ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta.

Illi t-Tribunal jifhem u jissimpatizza mar-rikorrenti illi ma kinitx eligibbli ghall-ezenzjoni ghal ftit jiem biss, u cioe` ghal erbat ijiem biss, imma l-ligi tiddetermina t-termini biex ikun hemm ic-certezza. Li kieku dan it-Tribunal kellu jiddeciedi mod iehor ikun tilef l-oggettivita` li l-ligi timponi fuqu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-vettura in kwisjtoni ma kinitx registrata fuq isimha ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel hadet ir-residenza taghha hawn Malta u li ghalhekk il-vettura in kwisjtoni ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Silvana Grech**
**Deputat Registratur**